**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 29 ta' Mejju 2024**

**Każ Numru: 916/2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Marshal Mallia)**

**kontra**

**Caroline Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' Caroline Agius ta' disgħa u għoxrin (29) sena, imwielda l-Pieta' nhar is-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994), residenti fil-fond numru sbatax (17), Agivell, Triq il-Vlontin, Birkirkara, u detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 152194(M);

Billi inti akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fil-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u fix-xhur ta' qabel din id-data:-

1. Importajt jew offrejt li timporta sustanza psikoattiva ġdida (5F-CUMYL-PINACA) hekk kif definita fl-Artikolu 118A(1) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ta' nhar id-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), maħruġ ai termini tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputata titressaq quddiem din il-Qorti sabiex twieġeb għall-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat illi fis-seduta ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-imputata debitament assistita rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet minnha konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietha bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tagħha u ngħatat biżżejjed żmien sabiex terġa' tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Marshal Mallia fejn stqarr illi mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija jirriżulta li l-każ odjern huwa każ ta' importazzjoni ta' sustanza illeċita ntiża għall-użu personali tal-imputata.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

L-imputata ammettiet l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u għalhekk fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tagħha għall-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement pruvata skond il-liġi.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali tal-imputata li hija waħda netta, kif ukoll il-fatt li hija kkoperat bis-sħiħ mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet tagħha. Qieset ukoll in-natura tar-reat li tiegħu l-imputata qegħda tinstab ħatja, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont tas-sustanza in kwistjoni, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija urew li l-imsemmija sustanza illeċita kienet intiża għall-użu personali tal-imputata.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 40A, 118A u 120A(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputata **Caroline Agius** ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u qegħda tikkundannaha għall-multa ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€ 50). F'każ illi l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza eżebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax il-jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Deguara